

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 13.12.2010
KUMM(2010) 737 finali

2010/0357 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru .../...

**dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd
bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Abbażi tal-mandat mogħti lilha mill-Kunsill¹, il-Kummissjoni Ewropea nnegożjat mar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe bil-ħsieb li jiġġedded il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe, datat it-23 ta' Lulju 2007² u li skada fil-31 ta' Mejju 2010. Meta ntemmu dawn in-negożjati, fil-15 ta' Lulju 2010 ġie inizjalat Protokoll ġdid li jkopri perjodu ta' 3 snin minn meta ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar fisem l-Unjoni u dwar l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Protokoll.

Il-proposta għar-Regolament li tinsab meħmuża tirreferi għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kkonċernati, skont il-kategorija tal-bastimenti, kif indikat fil-Protokoll.

Il-Kummissjoni hija mitluba tadotta din il-proposta u tressaqha quddiem il-Kunsill.

2. RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-Kummissjoni tat definizzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd offruti lill-bastimenti tal-Unjoni Ewropea fl-ilmijiet tar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe li wħud minnhom huma bbażati fuq ir-riżultati ta' evalawzzjoni ex-post imwettqa minn esperti esterni. Tqiesu wkoll it-talbiet speċifiċi li ressqu l-Istati Membri matul in-negożjati.

L-għan globali hu li ma tintilifx il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe, b'hekk jissaħħaħ il-qafas ta' sħubija fis-settur tas-sajd li ilha teżisti mill-2006, sabiex, b'mod partikolari, tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' politika sostenibbli tas-sajd u r-riżorsi tas-sajd jiġu sfruttati tajjeb fiż-żona tas-sajd ta' São Tomé u Príncipe, fl-interess taż-żewġ Partijiet.

Il-Protokoll il-ġdid jikkonforma max-xewqa taż-żewġ Partijiet li jsaħħu is-sħubija u l-kooperazzjoni fis-settur tas-sajd bl-istrumenti kollha finanzjarji disponibbli. Għal dan il-għan, għandha tiġi mfakkra l-ħtieġa li jiġi stabbilit qafas adattat għall-iżvilupp tal-investimenti f'dan is-settur u l-promozzjoni tal-produzzjoni tas-sajd artiġjanali.

Il-Protokoll il-ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija ntbagħat lill-Kunsill sabiex japprova l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja. Intbagħat ukoll lill-Kunsill u lill-Parlament fir-rigward tal-konklużjoni tiegħu.

¹ Deċiżjoni Nru 8627/10 tal-21 ta' April 2010

² ĠU L n° 205 du 7 ta' Awwissu 2007, p.59

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Din il-proċedura li għandha x'taqsam mar-Regolament tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe hija inizjalata b'mod parallel mal-proċeduri relattivi:

- id-Deċiżjoni tal-Kunsill, bil-kunsens tal-Parlament Ewropew dwar il-konklużjoni tal-Protokoll il-ġdid stess, u
- id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Protokoll u l-applikazzjoni provviżorja tiegħu.

Fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd, se jiġu awtorizzati 28 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartarun u 12 bastiment tas-sajd bil-konz tal-wiċċ biex jistadu skont il-Protokoll il-ġdid. F'konformità mat-Trattat, il-metodu għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri għandu jiġi ddefinit.

4. IMPLIKAZZJONI FINANZJARJA

Il-kontribuzzjoni finanzjarja globali tal-Protokoll ta' EUR 2 047 500 matul il-perjodu kollu hija bbażata fuq:

- a) tunnellaġġ ta' referenza annwali ffissat għal 7 000 tunnellata għal 40 bastiment, li jikkorrispondi għal EUR 455 000 kull sena, u
- b) appoġġ għall-iżvilupp tal-politika settorjali tas-sajd tar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe, li jammonta għal EUR 227 500 kull sena. Dan l-appoġġ jilħaq l-għanijiet tal-politika nazzjonali tas-sajd.

5. ELEMENTI MHUX OBBLIGATORJI

Kif indikat, din il-proposta għal Regolament tirrelata mal-opportunitajiet tas-sajd għal 40 bastiment Ewropew. Madankollu, minħabba l-valutazzjonijiet annwali tal-istat tal-istokkijiet, dawn l-opportunitajiet tas-sajd jistgħu jiżdiedu jew jonqsu, u dan jinvolvi analiżi adegwata mill-ġdid tal-kontribuzzjoni finanzjarja.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru .../...

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni³,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Lulju 2010, l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe nnegożjaw u inizjalaw Protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd li jipprovdi lill-bastimenti tal-Unjoni Ewropea opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet li fuqhom ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe għandha s-sovranità jew il-ġurisdizzjoni fir-rigward tas-sajd,
- (2) Fil-[...], il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni Nru XXX/2010/UE⁴ dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll il-ġdid,
- (3) Il-metodu għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri għandu jiġi definit kemm għall-perjodu tal-applikazzjoni provviżorja kif ukoll għall-perjodu tal-Protokoll,
- (4) Sabiex ikun żgurat li l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-Unjoni Ewropea skont il-Protokoll huma użati bis-sħiħ, hu neċessarju li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li talloka mill-ġdid fuq bażi temporanja opportunitajiet tas-sajd mhux użati minn xi Stat Membru għal ieħor, mingħajr ma taffettwa l-allokazzjoni jew l-iskambju tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri skont il-Protokoll,
- (5) Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ ĠU C , p. .

⁴ ĠU C , p. .

Artikolu 1

1. L-opportunitajiet tas-sajd stipulati fil-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe, kif ipprovdut fid-Deċiżjoni Nru XXX/2010/UE dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe, għandhom jiġu allokati fost l-Istati Membri kif ġej:
 - (a) bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartarun:

Spanja	15 -il bastiment
Franza	13 -il bastiment
 - (b) bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ:

Franza	9 bastimenti
Il-Portugall	3 bastimenti
2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim u tal-Protokoll, għandu japplika r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità⁵.
3. Jekk l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd mill-Istati Membri msemmin fil-paragrafu 1 ma jkoprox l-opportunitajiet kollha tas-sajd stipulati mill-Protokoll, il-Kummissjoni tista' tqis l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd minn kwalunkwe Stat Membru ieħor skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008.
4. Jekk jidher li l-opportunitajiet tas-sajd imsemmijin fil-paragrafu 1 mhumiex użati bis-sħiħ, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernati u titlobhom jikkonfermaw li mhumiex jagħmlu użu minn dawk l-opportunitajiet tas-sajd. F'każ li ma tasalx risposta fi żmien għaxart ijiem għandu jitqies bħala konferma li l-bastimenti tal-Istat Membru kkonċernat mhux qed jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet tagħhom tas-sajd matul il-perjodu in kwistjoni. Wara li l-Istat Membru kkonċernat jikkonferma, l-opportunitajiet tas-sajd mhux użati għandhom isiru disponibbli għall-Istati Membri.

⁵ ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Mill-Kunsill
Il-President*